Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAS-SEBGHA LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 18 ta' LuLju 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Stefan Cordina gie msejjah minn membri tal- Malta Amateur Radio Club sabiex jiddiskutu punt qasir mieghu. Hu skuza ruhu mill-kamra u hareg ikellimhom. Kif irritorna hu wassal lill-Kunsill li gie mitlub jghin sabiex il-post prezenti fejn huma jiltaqghu bhala klabb jigi devolut lilhom. Is-Sur Cordina ha jghin f'din il-materja.

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.

Il-minuti ġew approvati bla korrezzjonijiet. Is-Sur Alfred Zammit pero' talab li d-decizjoni li ttiehdet fuq l-iskrivana s-Sinjura Julie Cachia tigi revokata. Is-Sur Cordina qal li jekk is-Sur Zammit jixtieq iqajjem dan il-punt, jista' jaghmel hekk waqt punti mqajjma, pero tali decizjoni ma tidholx fil-korrezzjonijiet tal-minuti.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 E-mail minghand is-Sur Michael Boffa rigward ghajnuna sabiex isir filming li juri l-importanza tal-komunita' fil-progett imhejji miz-zghazagh tal-parrocca ezattament, il-Parish Youth Group flimkien mal-Agenzija Zghazagh. Is-Sur Marco Spiteri qal li precedentement, is-sena l-ohra il-Kunsill kien inghaqad ma' dan il-grupp sabiex gew organizzati xi korsijiet ghalihom. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni fuq ir-restrizzjoni tal-fondi. Is-Sur Remigio Bartolo qal li wiehed irid jiddeciedi jekk nistghux niehdu sehem f'dan il-progett minhabba li is-sehem tal-Kunsill ma' dawn l-ghaqdiet huwa ferm importanti. Ha tittiehed decizjoni iktar 'il quddiem.

🗁 E-mail minghand residenti fi Triq il-Konti R. Barbaro rigward hajt perikoluz f'din it-triq fejn tahtu m'hemm xejn ilqugh. Is-Sur Cordina qal li trid issir site visit u nidentifikaw liema Kuntrattur ghamlu u jirrangah. Is-Sur Ralph Cassar gibed l-attenzjoni fuq dak il-hajt li qed jaghlaq it-triq li s'issa hija meqjusa bhala art privata. Is-Sur Stefan Cordina qal li din qed tigi esproprijata.

🗁 E-mail minghand La Stella Levantina rigward ghajnuna sabiex jigi sponsorjat big screen u xi affarijiet ohra minhabba l-ispejjez kbar li din is-socjeta ghandha. Is-Sur John P Bonnici qal li jekk nghaddulhom kemm ikopru il-big screen bizzejjed. Is-Sur Marco Spiteri qal li la hemm restrizzjoni ta' fondi, ghandna inkunu ugwali ma' kulhadd. Is-Sur Alfred Zammit qal li l-ghajnuna lil din is-socjeta kienet minn dejjem imma s-Sur Spiteri oggezzjona ghax qal li ma nistghux niggustifikaw dan ghax diga' tajna. Tenna wkoll hekk is-Sur Remigio Bartolo galadarba l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill mhix tajba, pero kompla billi qal li veru sponsors ma nistghux naghtu imma certu settur ta' nies ihossu

certu affarijiet ghalihom li jekk per ezempju taghmlilhom bankina ma tghodd xejn...imma meta tghinhom f'attivitajiet kulturali tkun ferm apprezzata ukoll. Is-Sur Ralph Cassar qal li din hi attivita kulturali pubblika u l-unika kuncert li jsir barra li ghalih jattendu bi hgarhom bosta. Is-Sur Cordina qal li hu mija fil mija favur inizjattivi bhal dawn imma ghal dawn l-attivitajiet hemm fondi ohrajn li bhall-Kunsill Malti ghall-Isport ikun applika ghalihom fil-bidu tas-sena. Is-Sur Ralph Cassar qal li min ikun irid jorganizza attivita mal-Kunsill, ghandu jitlob dan fil-bidu tas-sena sabiex il-Kunsill iqassam il-fondi madwar l-ghaqdiet kollha. Gie ghalhekk deciz li ghal din is-sena ma ssirx l-attivita tal-anzjani tal-festa ta' Santa Marija u minflok il-Kunsill jidhol ghal progett taz-zghazagh u koordinazzjoni mal-kazin tal-banda b'somma li ma teccedix il-mitt Ewro kull wiehed.

**3. PJAN MOBILITA'**

Is-Sur R. Cassar qara ir-rapport imhejji minnu rigward l-immaniggjar tat-traffiku, iz-zona 30km/h. Hu qal li toroq residenzjali bhal Triq il-Gibba, Istwiel ecc tmur go fihom ghal bzonn u mhux biex taqta fil-qasir jew bhala passagg ghal triq ohra. Hu qal li ma qabilx ma' Transport Malta fuq certi punti taghhom u permezz ta' dan ir-rapport xtaq bl-approvazzjoni tal-Kunsill iwassal dan il-messagg billi dan ir-rapport jintbaghat direttament lit-Transport Malta. Fuq Triq il-Linja, is-Sur Marco Spiteri qal li f'laqghat precedenti tal-Kunsill, kien gie diskuss it-twaqqiegh tal-hajt tal-RAOC li warajh hemm hafna sigar taz-zebbug mizrugha. Is-Sur Cassar qal li certu affarijiet ma tkomplewx minn naha tal-Malta Industrial Parks Ltd. Hu kien ukoll iddiskuta il-process ta' shared space bhal ta' hdejn il-qasam tal-bini tal-gvern. Hemm hafna affarijiet ohra li jixtieq li jitkompla il-process fuqhom bhad-disinn tal-bus shelters li l-Perit Stephen Farrugia kien ghadda lill-Kunsill Lokali Mosta. Is-Sur Gerry Borg qal li l-Bus Shelters Warda, ta' hdejn il-Miracle Foods u ohrajn, ghandhom bzonn tindifa kbira. Is-Sur Stefan Cordina qal li Transport Malta ghandha tigi infurmata b'dan. Kulhadd qabel mar-rapport hekk kif prezentat li ghandu jintbaghat lil-Transport Malta.

**4. IMMANIGGJAR TA' TRAFFIKU ŻONA 30 KILOMETRU FIS-SIEGHA**

Dan l-item gie diskuss....

**5. 70 SENA ANNIVERSARJU KONVOJ SANTA MARIJA - ESIBIZZJONI**

Is-Sur Ralph Cassar spjega il-kuncett ta' din l-esibizzjoni u kif inxtraw xi ritratti minnu mill-Ingilterra li juru zmien il-gwerra f'Malta. Is-Sur Remigio Bartolo qal li gab kwotazzjonijiet sabiex dawn ir-ritratti flimkien ma' dawk migjuba mid-DOI issirilhom caption tahthom miktuba mis-Sur Immanuel Mifsud u kollox jigi espost fuq board imdawwal li l-irhas kwotazzjoni kienet dik ta' Karl Borg Events. Hu qal li dan kollu ser isir fil-kamra tal-kazin La Stella Levantina. Is-Sur Cordina qal li ha jiehu hsieb igib flat screen u dvd sabiex waqt l-esibizzjoni ikun ghaddej dvd ta' zmien il-gwerra migjub mis-Sur Remigio Bartolo. Is-Sur Alfred Zammit qal li hu jiftakar sewwa zmien il-gwerra minhabba li kienu fit-tfulitu u rrakkonta storja zghira marbuta ma' zewg destroyers tal-gwerra. Is-Sur Ralph Cassar qal li r-ritratti li ghazel ghandhom x'jaqsmu ma' H'Attard. Is-Sur Bartolo qal li nistghu inkellmu wkoll lil Tony Borg sabiex ghal zmien il-festa ikun miftuh ix-xelter ukoll. Din l-esibizzjoni ser tkun miftuha bejn 10 t'Awwissu u l-15 t'Awwissu mis-7.00pm sal-10.00pm. Dak in-nhar tal-10 ta' Awwissu fis-7.30 ta' filghaxija ser titpogga kuruna tar-rand u tigi inawgurata l-esibizzjoni. Marbut ma' din l-attivita' irid isir ukoll il-hasil tal-pjazza, l-ordni tal-kuruni u daqq tas-Silenzio waqt it-tqeghid tal-kuruni quddiem il-monument. Is-Sur Cassar fakkar ukoll fis-sistema Eko festa sabiex mit-13 sal-15 t'Awwissu jitpoggew il-bins tal-plastik, metall u hgieg hdejn l-istabbilimenti kummercjali.

**6. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Fil-laqgha tas-27 ta' Gunju qal li hu telaq kmieni u propju fl-assenza tieghu giet diskussa il-pozizzjoni tal-iskrivana Julie Cachia. Hu hass li din kellha tkun fl-Agenda u li ghalkemm m'ghandu xejn kontra din l-iskrivana, dejjem oggezzjona. Hu jhoss li x-xoghol taghha, il-Kunsill kien jghaddi minghajru. Is-Sur Remigio Bartolo qal li vera ma kinitx fl-agenda u li giet diskussa fin-nuqqas tieghu, imma l-ewwel nett hu ma kienx konxju li kellu bzonn ihalli l-kamra, kienu quorum, u iddecidewha fuq il-punt ta' spiza li l-Kunsill kien ha jiffranka biha u li bil-pass li sar, b'inqas flus, il-Kunsill iggwadanja ghax kif kienet qed tigi imhaddma, ma kienx viabbli. Is-Sur Marco Spiteri qal li ma jistax ikun li kollox jitnizzel fuq l-agenda u li allahares li kull haga li tigi diskussa mhix valida ghax ma tkunx fuq l-agenda ghax inkella ma mmexxu qatt. Is-Sur John P Bonnici qal li originarjament fil-bidu ma kienx qabel maghha ghax kienet giet appuntata minn wara darhom. Is-Sur Raymond Azzopardi staqsa jekk kienx hemm interview. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li kollox kien sar kif suppost imma peress li kienet intbaghtet mill-ETC kien ghalhekk li l-ewwel preferenza waqghet fuqha. Is-Sur Spiteri qal li fl-ahhar laqgha kienu quorum u ghal punt tal-irgulija, la kienu quorum, mexxew fuqha. Hu kompla billi qal li kull decizjoni li tittiehed sakemm ikun hemm diskussjoni u qbil, hija valida. Is-Sur Remigio Bartolo qal li mhu veru xejn dak li qal is-Sur Zammit, li minghajrha il-Kunsill jghaddi, u hu jibqa' jsostni u jghid li hawn ix-xoghol zdied u zdied hafna u li din kienet qed tigi hafna iktar spejjez kif kienet impjegata qabel milli l-Kunsill jista' jaffordja. Qal 'Ghalfejn ghandna inhallsu €700 biex tirriplejsja skrivana nieqsa meta nistghu inhallsu €500 u tahdem 20 siegha fil-gimgha?' Is-Sur Zammit qal li lanqas biss jaf jekk kinitx fil-gazzetti, snin ilu u kumbinazzjoni minn dawn in-nies kollha intghazlet hi. Is-Sur Bonnici qal li basta dawn l-affarijiet ma jirrepetux ruhhom, mhux id-decizjoni li ttiehdet fl-ahhar laqgha imma dak li sar qabel. Is-Sur Cordina qal li sa fejn u sakemm ilu jmexxi hu, l-affarijiet kienu mexjin harir u kollox kif suppost. Veru li mhux kollox perfett imma r-rimedji dejjem ittiehdu. Is-Sur Marco Spiteri qal li t-talba ghal vakanza ta' post saret regolari, forsi l-ghazla ma kinitx imma jibqa l-fatt li din kienet ingaggata mal-ETC. Is-Sur Raymond Azzopardi staqsa jekk bhala interview kienx hemm rapprezentant tal-Partit taghhom. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-interviews u anki seduti ta' laqghat ohra, ma jsirux bil-partiti u jattendi min irid jigi. U la jkunu in order ghax ikun hemm quorum, kollox isir in regola. Is-Sur Remigio Bartolo qal li hadd iktar mis-Segretarju Ezekuttiv ma jaf l-esigenzi tal-Kunsill u kien fuq il-parir tas-Segretarju wara li ghaddietlu l-informazzjoni kollha li hu ressaq dan il-punt li wara kollox gie approvat unanimament. Is-Sur Gerry Borg tenna li fis-seba' snin li kien fil-Kunsill precedentement, darba ttiehed vot u qatt ma gara xejn barra minn loku u d-decizjonijiet xorta dejjem ittiehdu. Qal li jixtieq li dan il-Kunsill jimxi wkoll b'dan il-mod. Is-Sur Alfred Zammit ghaldaqsatant ikkonkluda li la kollox kien kif suppost u skond il-ligi hu ma kellux iktar xi jzid. Pero' zied li xorta ha jibqa' jsostni u dan irribattieh tlett darbiet li l-ingagg taghha ma sarx kif suppost.
- Gibed l-attenzjoni li l-Kuntrattur tal-gonna hawwel il-lantana u li din ghadha ma kibritx. Biex tingibidlu l-attenzjoni.
- Gibed l-attenzjoni fuq il-bankina li tifred il-Qasam tal-Bini tal-Gvern ghal Santa Katerina biex tizdied il-hamrija u tinhadem iktar.

Is-Sur Marco Spiteri skuza ruhu u halla l-kamra.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Li kellu laqgha mal-Greenpak fuq il-kalendarju li qed jigi propost li jsir u jitqassam fid-djar kollha madwar H'Attard sabiex jigi spjegat ahjar il-process tal-gbir ta' skart riciklat. Is-Sur Gerry Borg qal li t-Tnejn u l-Erbgha xorta qed jinhareg il-kartun

fil-boroz. Is-Sur Cordina qal li r-residenti ha jigu nfurmati permezz ta' cirkularijiet fid-djar taghhom.

- Talab li ssir it-talba ghal-Parking Bay fi Triq il-Qarsajja

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Li ssir laqgha maz-zghazagh fuq il-progett tal-MEUSAC
- Xtaq xi ritratti tal-poliklinika sabiex jara il-process ta' rrangar ta' soqfa ta' dawn il-kmamar

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li tigi rrangata il-bankina tul l-Industrial Estate u li jsir stage bhala priorita'
- Kaptell imkisser Triq l-Imdina biex jitranga
- Triq l-imdina hemm liedna u hemm hafna sigar hergin il-barra. Haddiema tal-ELC jipparkjaw trakk u tlett karozzi u minhabba f'hekk ghad jinqala xi incident, barra li ir-residenti ma jsibux fejn jipparkjaw. Ha jigi ccekkjat dan ir-rapport.
- Staqsa jekk hargitx it-tender sabiex issir laqgha mar-residenti tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern
- Staqsa meta ha jitwahhal l-apparat tal-Open air gym u tkompli tigi rrangata l-bankina fl-istess gnien
- Staqsa fuq ix-xoghol fi Triq Xatbet l-Art….Is-Sur Stefan Cordina qal li qeghda fil-programm tat-toroq ghal din is-sena pero' hadd ma tefa it-tender u kellha terga' tohrog sejha ohra
- Talab li titranga it-trinka fejn kienet djieqet il-bankina ma' Triq l-Ghenba filwaqt li rega' talab li terga tickien iktar ir-roundabout ta' wara l-knisja. Fuq din ma kienx hemm qbil minhabba li kif kienet djieqet qabel kien bizzejjed.
- Talab li jsir Bus Shelter fi Triq iz-Zaghfran hdejn il-warehouse tad-Diesel

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Talab li jitnizzlu l-punti mressqa tas-sitt laqgha tal-Kunsill minhabba li dawn ma dehru mkien. Is-Segretarju Ezekuttiv skuzat ruhha ghax bi zball il-punti mqajjma tas-Sur Azzopardi miktubin u mghoddija lilha gew iffajljati f'dawk tal-laqgha precedenti
- Talab biex titpogga kaptella li kienet tkissret u titghatta il-hofra perikoluza fil-bankina ta' Triq l-Imdina, faccata ta' Triq l-Gharix.
- Talab biex titranga tappiera perikoluza ohra xi hamsin metru 'l isfel mill-entratura tal-Isptar Monte Carmeli peress li kienet sfrundata (ftit piedi 'l fuq mit-tappiera li trangat mill-ahhar laqgha 'l hawn)
- Talab biex jitressaq bin li hemm faccata tal-Malta Labour Club

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv l-Attard Ladies Cultural Club x'riedu fl-e-email taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li dawn xtaqu post fejn jiltaqghu bhala klabb permanenti
- Staqsa jekk inkitbitx l-ittra lilll-iskola biex jisseparaw l-iskart, Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li inkitbet
- Talab li nergghu nippruvaw incemplu lill-Kunsill Lokali Rabat rigward is-sistema ta' tindif wara l-monti tar-Rabat il-Hadd filghodu.
- Skeda tal-knis. Qal li jaqbel li fejn hemm is-sigar hemm bzonn jinkunsu iktar minn darba fil-gimgha u li ha jikkoordina mas-Segretarju Ezekuttiv rigward it-toroq li huma priorita'

- Staqsa fuq l-isqaq tal-Perit Buhagiar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li tlestew il-pjanti mill-Perit u saret l-applikazzjoni ghad-DNO
- Irringrazzja lill-istaff kollu tal-Kunsill ghax-xoghol siewi li qeghdin jaghmlu.
- Talab li ssir ittra lill-President ta' Malta bhala ringrazzjament talli laqa' ghandu tfal tal-iskola u fuq parir ta' dawn it-tfal beda jsir is-separar tal-iskart il-palazz u l-Kitchen Garden

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-puntii:

- Staqsa fuq il-kawza tal-barriera sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-avukat.
- Talab sabiex isir it-tindif wara l-hajt fil-passagg tal-Librerija
- Staqsa fhiex waslu l-applikazzjonijiet tal-Aerobics. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-applikazzjonijiet gew registrati fuq is-sistema tal-kompjuter imma issa jiddependi mill-Ministeru tas-Sahha sabiex jigu ezaminati ghax l-iktar li huma eligibbli huma dawn li huma 'overweight'
- Rega' fakkar fuq Eko Festa.
- Insista fuq applikazzjonijiet tal-MEUSAC ghall-fondi mill-EU sabiex il-Kunsill jaghmel uzu minn dawn il-fondi disponibbli.
- Insista li ssir tisqija regolari madwar ir-rahal kollu
- Gibed l-attenzjoni li z-zebra sign fi Triq il-Pitkali lejn direzzjoni lejn Ta' Qali ma tahdimx

**7. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30pm għas-22 ta' Awissu fis-6pm.

________________________ ____________________

Sindku Data